# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Revoka Numru : 911/2016/LSO**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1277/2016 fl-ismijiet:**

**Mohamed Dau Akaari (K.I.: 491711L)**

**vs**

**Rachida Farhani (K.I.: 34147A)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Rikors ghal revoka ta' mandat ezekuttiv ta' Rachida Farhani (K.I.: 34147A) datat 10 ta' Ottubru 2015 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti giet a konjizzjoni tal-fatt li b'digriet moghti nhar is-7 ta' Settembru 2016, fuq rikors ta' Mohamed Dau Akaari, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug tal-mandat ezekuttiv fl-ismijiet fuq premessi fil-konfront tal-esponenti. Kopja ta' dan il-mandat qed tigi mmarkata "Dok. A";

Illi skont ma jirrizulta mill-istess att, tali mandat inhareg in esekuzzjoni ta' *"Sentenza ta' l-Appell Civili Numru 510/2009/1 deciza fis-26 ta' Novembru 2014";*

Illi l-esponenti tqis li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex *ai termini* tal-Art. 281 tal-Kap. 12 titlob ir-revoka tal-mandat fl-ismijiet fuq premessi;

Illi in sostenn tal-premess, l-esponenti tissottometti dan li gej:

1. Illi s-sentenza li ghaliha hemm riferenza fil-mandat fl-ismijiet fuq premessi hija dik fl-ismijiet "Mohammed Dau Akaari *vs* Kevin Lungaro-Mifsud u Rachida Farhani" moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Novembru 2014 (Dok. B);

2. Illi tali gudikat segwa appell wara sentenza fl-istess ismijiet moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-3 ta' Mejju 2013 (Dok. C). Ghall-fini ta' kompletezza jigi dikjarat li l-Onorabbli Qorti tal-Appell bidlet is-sentenza appellata;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti, ossia l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, qatt ma kienet adita b'xi mod bil-kawza imsemmija;

4. Illi l-Art. 264 tal-Kap. 12 jipprovdi kif gej:

(1) Barra minn fil-kazijiet eccettwati f' dan il-Kodici, l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-qorti li minnha jigu moghtija, ghalkemm l-esekuzzjoni jkollha ssir barra mil-limiti tal-guridizzjoni lokali ta' dik il-qorti.

(2) Kull titolu esekuttiv iehor imsemmi fl-artikolu 253 huwa esegwibbli mill-qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-oggett tat-titolu.

5. Illi mbaghad, l-Art. 265 jipprovdi li *"Fil-kaz ta' appelli, is-sentenza ghandha tigi esegwita mill-qorti tal-ewwel grad indipendentement minn jekk il-Qorti tal-Appell tikkonferma, tvarja jew thassar is-sentenza tal-ewwel qorti."*

6. Illi jsegwi ghalhekk li, b'kull rispett, din l-Onorabbli Qorti ma kinetx kompetenti sabiex tordna l-ispedizzjoni tal-mandat fl-ismijiet fuq premessi, filwaqt li l-kompetenza kienet ta' qorti ohra;

7. Illi skont id-dizpozizzjonijiet tal-Art. 789(l)(b) tal-Kap. 12, att mahrug minn qorti mhux kompetenti huwa null u skont l-istess dispozizzjoni, tali nullita` ma taghtix lok ghal eccezzjoni bhalma hemm fil-kaz fejn in-nullita` tista' tissewwa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1277/2016 fl-ismijiet: "Mohamed Dau Akaari (K.I.: 491711L) *vs* Rachida Farhani (K.I.: 34147A)" u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet tal-11 ta' Ottubru 2016 a fol 35 tal-process fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrent biex jesebixxi kopja legali ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru. Ordnat in-notifika lill-kontro-parti li permezz ta' risposta fi zmien ghaxart (10) ijiem min-notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu; u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-27 ta' Ottubru 2016 f' 11:40a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Marisianne Vassallo ghall-intimat ezekutat u ddikjarat li l-intimat ezekutant ottjena l-hrug ta' kontro-mandat *stante* li nhareg mill-Qorti zbaljata, u

ghaldaqstant titlob li l-istess ezekutant jissaporti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, filwaqt li tirtira t-talbiet fuq il-mertu.

**INGHATA DIGRIET:**

Il-Qorti tilqa' t-talba u tiddisponi dwar ir-rikors odjern, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu tieghu, tilqa' t-talba dwar il-kap tal-ispejjez u tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu ssopportati unikament mill-intimat ezekutant Momamed Dau Akaari.

Il-kawza giet deciza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**